# Sommarju għaċ-ċittadini

# Adattament għat-tibdil fil-klima: qafas għall-azzjoni tal-UE

### IL-KWISTJONI.

- Matul il-50 sena li jmiss aktarx li t-tibdil klimatiku se jkollu effetti sinifikanti fuq is-setturi ekonomiċi importanti, b'mod partikolari l-agrikoltura, l-enerġija, it-trasport, it-turiżmu u s-saħħa. Se tgħaġġel il-proċess tat-telfien tal-ekosistema u l-bijodiversità. Se jaffettwa d-djar u n-negozji u ċertu setturi soċjali, l-aktar lill-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u persuni li jaqilgħu paga minima. L-impatti jvarjaw skont ir-reġjun. Iż-żoni kostali u tal-muntaji kif ukoll il-pjanuri tal-għargħar huma l-aktar vulnerabbli.

- Żewġ tipi ta' azzjonijiet huma meħtieġa biex ikun indirizzat it-tibdil klimatiku: **miżuri għat-taffija** (tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra) u l-**adattament** (kif nafaċċjaw konsegwenzi inevitabbli).

### X'QED TAGĦMEL L-EWROPA BIEX TINDIRIZZA L-KWISTJONI?

Il-Kummissjoni tal-UE ħarġet karta ta' politika dwar kif l-Ewropa tista' ttejjeb il-flessibbiltà tagħha għat-tibdil fil-klima. Il-karta tistabilixxi qafas għall-azzjoni billi tiffoka fuq:

- **il-bini ta' bażi aktar b'saħħitha għall-għarfien** dwar ir-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima.
- **jiġi kkunsidrat l-impatt tat-tibdil fil-klima fl-oqsma ewlenin tal-UE.**
- **azzjoni komuni bejn miżuri politiċi differenti għall-aqwa riżultati** – jista jkun hemm il-bżonn ta' finanzjament innovattiv ( li jinkludi skemi bbażati fuq is-suq) biex il-proċess ta' adattament jiġi ffaċilitat.
- **appoġġ lejn sforzi internazzjonali aktar wiesgħa għall-adattament.**
- **ħidma fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.**

### X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- **Aċċess aħjar għal firxa aktar wiesgħa ta' *data*** dwar l-impatt tal-klima se jiffaċilita l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
- **Mekkaniżmu ta' kumpens se jiġi stabbilit** (sal-2011) biex jipprovdi aċċess ikbar għal firxa wiesgħa ta' sorsi ta' informazzjoni dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima, iż-żoni vulnerabbli u l-aqwa prattiċi.
- **L-adattament se jiġi kkunsidrati fil-politiki ewlenin tal-UE.**

### X'INHUMA L-BENEFIĊĊJI TAL-PROPOSTA?

- Strateġija integrata tal-UE se żżid  l-effettività u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn il-fruntieri.
- Bosta minn dawn il-politiki u l-azzjonijiet żviluppati jistgħu jiġu skambjati ma' pajjiżi mhux membri tal-UE u li qed jiżviluppaw.

### GĦALIEX HEMM BŻONN LI TITTIEĦED AZZJONI MILL-UE?

Il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi se jsiru fuq livell nazzjonali, iżda **strateġija konġunta tal-UE tista' timmassimizza l-effettività tal-isforzi nazzjonali,** b'mod partikolari:

1) setturi li huma integrati mill-qrib mal-livell tal-UE (per eż. l-agrikoltura, is-sajd, l-ilma, il-ħarsien tal-bijodiversità, it-trasport u l-enerġija)

2) kwistjonijiet transkonfinali bħal per eżempju l-baċini tax-xmajjar u l-ġestjoni tal-bijodiversità

3) reġjuni żvantaġġati u reġjuni l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima.

**XI JMISS?**

Ladarba l-karta tal-politika tiġi approvata mill-Kummissjoni (April 2009), il-proposti se jiġu implimentati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi tal-UE.